MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2012

Numru. 846/2012

**Pulizija**
**[Spettur Luke Bonello]**

**-vs-**

**Franques Paul Jean Francois**
**Perazzi Mathias**

**Illum, 20 ta' Awissu, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra

**Franques Paul Jean Francois** ta' 20 sena, iben Jean-Marie u Joelle nee' Maury, imwieled gewwa Franza nhar id-19 ta' Awissu, 1992 u residenti gewwa Kamra numru 543, St. George's Park, Triq Dragonara, San Giljan u

detentur tal-karta ta’ l-identita Franciza numru 080681100481; u

**Perazzi Mathias**, ta’ 20 sena, iben Henri u Karine nee’ Scudery, imwieled gewwa Franza nhar l-14 ta’ April, 1992 u residenti gewwa Kamra numru 543, St. George’s Park, Triq Dragonara, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita Franciza numru 030481100324

Akkuzati talli

1. Fil-lejl ta’ bejn it-18 ta’ Awissu, 2012 u id-19 ta’ Awissu, 2012, gewwa il-Bajja ta’ Spinola, San Giljan, ikkomettew serq ikkwalifikat bil-hin u bil-valur, ta’ Fregatina liema valur ma jeccediex il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta’ Joseph Vella.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, involontarjament ikkagunaw hsara fuq Fregajtina numru S9600 ghad-dannu ta’ Joseph Vella.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lil kull wiehed mill-imputati biex fi zmien gimgha jhallas is-somma ta' erbgha mitt Euro (€400) bhala kumpens lill-parte leza Jospeh Vella.
Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputati l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------